# It-taqtiegħa tkompli bejn Valletta u Floriana

## It-timijiet bdew jingaġġaw plejers mis-Servizzi Ingliżi stazzjonati f'Malta

### IT-TLETTAX-IL ĠURNATA

**18-04-1953:**
**Floriana FC .................1**
**Rabat FC......................0 H.T 1-0**
**Ref:** Flt. Sgt. James Tuckett (RAF)
**Skurjaw:** L. Borg (F) 12'.

**Floriana FC:** Ġużi Alamango, Willie Xerri, Leli Zammit, Ġużi Bennetti, Donald Mock, Tony Vella, Caesar Xerri, Stanley Williams, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Rabat FC:** Tony Micallef, Alfie Pearson, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Louis Vigar, Joe 'It-Tufu' Aquilina, Charles 'Il-Kis' Zahra, Maurice Cali'-Warrington, Ernest Chappelle, Leli Sammut, Charlie Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Floriana kienu mingħajr Tony Dalli li kien sospiż filwaqt li Rabat kellhom nieqsa lil ħuh Ġorġ Dalli u liż-żewġ plejers tas-Servizzi Ronald Adams u Ron Russell. Adams kien rappurtat ukoll li ħalla Malta.
2. Il-Pulizija arrestaw u taw ċitazzjoni lil ħu l-player Lolly Borg li kien fost l-ispettaturi u hekk kif ra lil ħuh imweġġa' fl-art ħareġ fil-ground fejn uħud qalu biex jara x'ġaralu u oħrajn qalu ħareġ biex jiġġieled.



*Floriana 1952-53*
*Wara nett – Lolly Debattista, Albert Zarb Cousin, Gużi Alamango, Leli Zammit*
*Bil-wieqfa – Donald Mock, Willie Scerri, Ġużi Bennetti, Tony Vella, Charles Xerri, Tony Dalli, Francis Xuereb*
*Bil-qiegħda – Victor Farrugia, Charles Azzopardi, Lolly Vella, Stanley Williams, Lolly Borg, Tony Cauchi, Pullu Demanuele*
*Quddiem nett – Leli Sultana, Caesar Scerri*

*Attakk ta' Valletta fuq il-lasti ta' Hamrun Spartans (4-1) – 29.11.1952*



**19-04-1953:**
**Sliema Wdrs..................1**
**Ħamrun Sp. FC............1 H.T 0-0**
**Skurjaw:** N. Calleja (S) 61' u Ġ. Buttigieg (Ħ) 68'.

**Sliema Wdrs. FC:** Victor Xerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Ray Edwards, Tony Nicholl, Piju Lebrun, Ninu Calleja, Ġużi Vassallo, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

**Ħamrun Sp. FC:** Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, George Jones, Ġużi

*Valletta 1951-52*
*Salvinu Schembri, Mike Cutajar, Ċensu Muscat, Gużi Scicluna, Louis Azzopardi, Charlie Mackay "Il-Wiżża", George Sciberras "Ta' Ċetta", Edwin Schembri, Pawlu Vassallo, Leli Pace "Il-Pesa"*




Zammit, Armando Drago, Formosa, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Salvu Bartolo, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Żużu 'Qomos' Sciberras.

1. Il-klabbs Maltin biex isaħħu t-tim tagħhom u jiksbu punti kruċjali spiss kienu qed jirreġistraw magħhom plejers Ingliżi stazzjonati f'Malta mar-Royal Navy, Royal Air Force jew mal-Army minkejja li kienu jafu li dawn setgħu jitwaqqfu mis-Superjuri tagħhom milli jilagħbu l-futbol mall-klabbs Maltin. L-Ispartans ġiethom tajba iżda setgħu pattew qares meta uffiċjal għoli tan-Navy intbagħat apposta l-Istadium biex jinforza r-regolament u ma jħallix liż-żewġ plejers ġodda tal-Ispartans li kienu mar-Royal Navy, Charlton u Hughes, jilagħbu. Fl-emerġenza li nqalgħet Bartolo u Formosa ġew ikkuntattjati biex jidħlu minflokom b'Formosa jasal l-Istadium ħames minuti wara l-kick-off u jibqa' dieħel dritt fil-partita. Warm-up fl-aqwa tagħha.
2. Irritorna Ninu Calleja li kien nieqes f'dawn l-aħħar erba' logħbiet wara li weġġa' kontra Birkirkara.

**25-04-1953:**
**Valletta FC** .................... 0
**Hibernians FC** .............. 0
**Ref:** Chief Mech. Alex Rich (R.N)

**Valletta FC:** Edwin Zammit, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Ċensu Muscat, J. Calleja, Freddie Farrugia, Salvinu Schembri, Leli 'Il-Pesa' Pace, Silvio Rapinett, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Victor Portelli, Colin Tabone, Sunny Anastasi, Victor Formosa, Joe Vella Borg, Joe Xuereb, John Gatt, Michael Kingston, Jean Claude Coulon, John Coreschi.

1. Id-difensur Għawdxi Colin Tabone ta' Hibernians, eks-Victoria Hotspurs, huwa l-aħħar fis-sensiela ta' plejers ipprovati minn Hibernians biex jieħdu post Joe Griscti li jinsab imweġġa'.
2. Għal Valletta lagħab il-plejer Calleja li daħal minflok Jackie Grech wara li dan weġġa' waqt partita mill-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni.

*Lolly Cuschieri ta' Sliema Wanderers tilef il-kumplament tal-istaġun wara li kiser siequ f'daħla ma' Maurice Calì ta' Rabat FC (0-0), f'Marzu 1953.*



**26-04-1953:**
**Birkirkara FC** ................ 3
**St.George's FC** .............. 1 **H.T 2-1**
**Ref:** Flt. Sgt. Arthur Wallace
**Skurjaw:** Ġ. Pisani (B) 24', L. Saliba (B) 31', S. Scicluna (St.Geo) 44' u Ġ. Pisani (B) 79'.

**Birkirkara FC:** Raymond Cosby, Sunny Borg Cardona, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Louis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Likku' Saliba, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Kenneth Valenzia, Stephen Samut Tagliaferro, Lino Lanzon, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

**St.George's FC:** Ġużi Mugliett, Johnnie Wilson, Twanny Mallia, Peppi Delceppo, Żużu Rizzo, Nenu Bonavia, P. Bugeja, Salvu 'L-Iscotch' Scicluna, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Salvu Romolo.

**Klassifika:** Valletta FC u Floriana FC 19 pti.; Birkirkara FC 18 pti.; Hibernians FC 12 pti.; Sliema Wdrs. FC 11 pti.; Rabat FC u Ħamrun Sp. FC 9 pti.; St.George's FC 7 pti.

**L-Aqwa Skorers:** L. Pace (Valletta FC) 8 goals; C. Azzopardi (Floriana FC) 7 goals; P. Vassallo (Valletta FC); F. Church u J. C. Coulon (Hibernians FC) 5 goals.